**9 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)**

Il-Pulizija

*versus*

Carmel Camilleri u Therese *sive* Tessie Agius

**Stqarrija**

*Ir-rilaxx ta' stqarrija da parti ta' min ikun qiegħed jiġi interrogat mill-pulizija huwa fakoltattiv, fis-sens li dana m'għandu l-ebda obbligu li jirrilaxxja stqarrija jew li jirrispondi għal domandi posti lilu mill-pulizija. Minn dan jirriżulta l-prinċipju fondamentali li stqarrija trid tkun volontarja, u mhux spontanea, sabiex ikollha valur probatorju.*

*L-oneru tal-prova li stqarrija tkun saret volontarjament jaqa' dejjem fuq il-prosekuzzjoni, bħal kull prova oħra. Il-prosekuzzjoni għandha tagħti* prima facie evidence *ta' l-eżistenza ta' dan ir-rekwiżit, li, malli jirriżulta sodisfatt, l-oneru tal-prova kuntrarja jiġi spustat għal fuq l-imputat jew akkużat li jkun qed jallega li l-istqarrija tiegħu kienet ittieħdet b'wieħed mill-metodi kkontemplati fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Jekk l-imputat jew akkużat jagħmel allegazzjoni li stqarrija ma ttiħditx volontarjament, il-kriterju li għandu jiġi adottat huwa jekk, il-fatti allegati minnu, kinux tali li operaw fuqu b'mod li wassluh biex jgħid dak li qal, li altrimenti ma kienx jgħid. Fi kliem ieħor, hu jrid jagħmel il-prova:*

*Tal-fatti minnu allegati; u*

*Li dawk il-fatti kellhom fuqu l-effett li huwa qed jallega.*

*Dawn il-provi, biex ikollhom l-effett desiderat minnu, iridu jiġġeneraw dubbju raġonevoli li l-istqarrija tiegħu ġiet irrilaxxjata volontarjament. Id-dubbju rikjest mil-liġi għandu jiġi ġġenerat, jew minn argumentazzjoni, jew minn fatti adegwatament ippruvati mid-difiża, sabiex dan id-dubbju jkollu l-effett li jindebbolixxi serjament il-każ tal-prosekuzzjoni.*

*Sabiex stqarrija tkun volontarja, ma tridx tkun ġiet irrilaxxjata mill-imputat jew mill-akkużat minħabba biża' li jista' jsofri xi preġudizzju, jew bit-tama li jikseb xi vantaġġ, jew minħabba xi forma ta' oppressjoni, bħala riżultat ta' intervent minn persuna ta' awtorità.*

*L-*inducement, *ċjoè it-tħajjir, offerta jew suġġeriment għandu jsir jew jiġi komunikat lill-interrogat, għalkemm mhux neċessarju li dan isir direttament lilu.*

*Punt ieħor essenzjali għar-rekwiżit ta'* inducement *hu li dan isir minn*

*dak li l-Ingliżi jsejħulu* a person in authority, *u li l-kliem li dan jgħid ikun jirreferi għall-akkużi ta' reat u għall-bidu tal-proċess kriminali in konnessjoni ma' l-istess reat li tiegħu persuna tkun qed tiġi investigata u interrogata.*

*Punt ieħor ferm importanti li għandu jiġu kkunsidrat qabel ma jiġi deċiż jekk l-*inducement *jistax jirrendi l-istqarrija in kwistjoni waħda inammissibbli, huwa min ser jibbenefika minn tali* inducement. *Fi kliem ieħor, diskors ta' l-interrogatur fis-sens li terza persuna tkun ser tiġi vantaġġjata jew anke żvantaġġjatha, dipendenti minn jekk l-imputat jew akkużat jagħmilx stqarrija jew le, ma jirrendix dik l-istqarrija bħala waħda meħuda b'mod mhux volontarju, u allura hi ammissibbli u dan għaliex il-kliem għandu jirreferi għal xi benefiċċju jew vantaġġ li jista' jsib ruħu fih l-interrogat u b'referenza għall-akkużi u proċediment fil-konfront tiegħu biss, u mhux għal xi akkużi u proċediment li jistgħu jsiru fil-konfront ta' terzi.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel Camilleri u Tessie Agius li permezz tagħhom huma ġew akkużati talli: (a) f'dawn il-Gżejjer, fl-14 ta' Mejju, 1990, u fl-aħħar xhur ta' qabel din id-data, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjoni tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kinux bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga, u ma kinux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija lilhom mill-President ta' Malta u ma kinux awtorizzati bir-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (A.L. 292/39) mill-President ta' Malta li jkollhom id-drogi fil-pussess taghom u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija kienet ġiet fornuta lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif

ipprovduta fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll tad-Drogi Perikolużi (A.L. 292/1939); kif ukoll talli: (b) f'dawn il-Gżejjer, fl-14 ta' Mejju, 1990, u fl-aħħar xhur ta' qabel din id-data, fornew jew offrew li jfornu jew ipprokuraw jew offrew li jipprokuraw id-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta) lill-persuni jew għal xi persuni u dan ukoll mingħajr ma kellhom liċenzja mill-President ta' Malta li jfornu d-drogi u mingħajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizzazzjoni li jimmanifatturaw id-droga msemmija u mingħajr ma kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 (292/1939). Ġew akkużati ukoll talli fl-istess żminijiet fuq imsemmija: (ċ) kellhom fil-pussess tagħhom mediċina speċifikata meta ma kinux awtorizzati kif imiss, u dan bi ksur tar-Regolamenti 5 (L) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985, kif sussegwentement emendat, u 35B u 89A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), u l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985; Akkużati ukoll talli: (d) ikkonsenjaw xi mediċini speċifikati u psikotropiċi lil xi persuni oħra li ma kinux spiżjara diriġenti jew li ma kinux xort'oħra awtorizzati bil-mod xieraq biex ikollhom fil-pusses tagħhom dik il-mediċina bi ksur tar-Regolamenti 10 (2) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985, kif sussegwentement emendat, u 35B u 89A, u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31) u l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101, tordna s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod

ġenerali tal-flejjes u proprjetà mobbli kollha dovuti lil jew li jkunu *jmissu lill-akkużati jew ikunu* proprjetà *tagħhom*, *u li* tipprojbixxi lill-akkużati milli jittrasferixxu jew xort'oħra jiddisponu minn proprjetà mobbli jew immobbli, kif ipprovdut fil-paragrafu (a), (b) tas-subinċiż (1) ta' l-artikolu 22A tal-Kap. 101;

L-akkużat Carmel Camilleri ġie mixli ukoll talli huwa reċidiv b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati fis-7 ta' Novembru, 1984, u b'oħra fil-5 ta' Novembru, 1985;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuni hekk misjuba ħatja, ukoll jekk il-proprjetà immobbli, meta l-ħati jkun ġie akkużat, tkun għaddiet għand terzi persuni, kif hemm ipprovdut fil-paragrafu (d) tas-subartikolu 3 (A) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddatata 30 ta' Settembru, 1994, li biha ma sabitx lill-akkużat Carmel Camilleri ħati ta' l-akkuża tar-reċidiva dedotta kontra tiegħu, u għalhekk illiberatu minn din l-akkuża, filwaqt li sabet ħtija fuq iż-żewġ akkużati fl-akkużi l-oħra kollha dedotti kontra tagħhom, b'dan li l-akkużi tal-pussess huma assorbiti f'dawk ta' traffikar, u kkundannat lil Tessie Agius għall-sena priġunerija u multa ta' elf lira Maltija (Lm1000) u lil Carmel Camilleri kkundannatu għall-erba' (4) snin priġunerija u multa ta' Lm3000. Ordnat ukoll il-konfiska u distruzzjoni tad-droga esebita (dok. S, F2, F3, F4) u kkundannat lill-akkużati li jħallsu nofs kull wieħed l-ispejjeż peritali inkorsi f'dan il-proċediment;

Rat ir-rikors ta' l-appell taż-żewġ akkużati ddatati 12 ta' Ottubru, 1994, fejn l-appellanti Tessie Agius talbet li din il-

Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tiġi inflitta fuqha piena alternattiva għal dik karċerarja, filwaqt li l-appellant Carmel Camilleri talab li din il-Qorti tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija;

*Rat li l-aggravji ta' l-appellant Carmel Camilleri huma s-*segwenti u ċjoè: (1) Li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta erroneament ikkonkludiet li l-istqarrija rrilaxxata minnu kienet waħda ammissibbli bħala prova; (2) li mingħajr din l-istqarrija ta' l-appellant, mill-bqija tal-provi mressqa, il-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-każ tagħha, u (3) li fi kwalunkwe każ, il-piena inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva;

Rat l-aggravju ta' l-appellanti Tessie Agius li huwa s-segwenti, u ċjoè, li l-piena inflitta fuqha mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva;

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti tal-proċediment;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju prinċipali li għandu jiġi kkunsidrat mill-ewwel *huwa dak issollevat mill-appellant Carmel Camilleri fejn* qed jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta aċċettat l-istqarrija tiegħu bħala prova valida u ammisibbli. Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra dan l-aggravju;

Jiġi rrilevat li dan l-appellant Carmel Camilleri, meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, ċaħad dak li hemm ikkontenut fl-istqarrija tiegħu *(fol. 37) fejn kien ammetta li d-droga u l-flus li*

nstabu mill-Pulizija fl-1990, waqt tfittxija li għamlu fil-fond fejn hu kien jabita mal-ko-akkużata Tessie Agius, ċjoè, 9/1 Triq Merkanti, il-Belt Valletta, kienu proprjetà tiegħu. Jingħad hawnhekk li waqt din it-tfittxija, apparti is-37 *sachet* kontenenti d-droga eroina, il-pulizija kienu sabu kwantità ta' flus f'denominazzjonijiet differenti, somma *cash* ta' Lm1697, kif ukoll ktieb tal-bank f'isem Tessie Agius li fih kien juri li fi żmien ċirka xahar u ftit kienu ġew depożitati fih is-somma ta' Lm2300. Il-Bank ikkonċernat kien l-Apostleship of Prayer Savings Bank. L-appellant Camilleri jallega li hu kien għamel l-istqarrija tiegħu ta' ammissjoni kompleta wara li l-ex-Spettur tal-pulizija Mario Calleja, li kien qed jinvestigah u jinterrogah dwar il-każ, kien qallu li sabu din id-droga għand Tessie Agius u kien qallu biex jgħinha biex din ma teħilx hi biss b'kollox. Jiġi rrilevat hawnhekk li f'dak iż-żmien l-appellanti kienu jikkoabitaw flimkien u l-appellant kellu tlett itfal mill-imsemmija Tessie Agius, oltre li kien jieħu ħsieb ukoll tifel ieħor li hi ġà kellha mingħand xi ħaddieħor. L-appellant Camilleri jgħid li kien għalhekk li huwa ddeċieda li jagħmel l-istqarrija tiegħu fejn ħa l-ħtija hu biex din Agius ma tmux il-ħabs;

Illi għalhekk dan l-appellant Camilleri, effettivament permezz ta' dan l-ewwel aggravju tiegħu, qiegħed jattakka l-validità ta' din l-istqarrija tiegħu u qed jissottometti li din l-istqarrija ma ttiħditx skond il-liġi billi ma ttiħditx volontarjament, u għalhekk, skond hu, l-istqarrija tiegħu għandha tiġi skartata. Hu qed jallega li kien iddeċieda li jirrilaxxja din l-istqarrija tiegħu l-għaliex ġie indott li jagħmel hekk mill-kliem li kien qallu l-ex-Spettur tal-pulizija Mario Calleja;

Illi l-materja ta' *confessional statement* fis-sistema legali Maltija hija rregolata minn dak li hemm stipulat fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid testwalment hekk: "Kull ħaġa li

imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża' jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi". L-appellant Carmel Camilleri, għalhekk, qed jibbaża l-non-volontarjetà ta' l-istqarrija tiegħu fuq l-aħħar kliem ta' dan l-artikolu 658 tal-Kap. 9 li jeskludi l-volontarjetà ta' stqarrija ċjoè il-kliem "b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi";

Huwa opportun li jingħad hawnhekk illi r-rilaxx ta' stqarrija da parti ta' min ikun qed jiġi interrogat mill-pulizija huwa fakoltattiv, fis-sens li dana m'għandu l-ebda obbligu li jirrilaxxja stqarrija jew li jirrispondi għal domandi posti lilu mill-pulizija. Minn dan jirriżulta l-prinċipju fondamentali fil-materja ta' stqarrija li din trid tkun volontarja, u mhux spontanja, sabiex ikollha valur probatorju;

Illi għalhekk, u dan kif dejjem ġie ritenut, l-oneru tal-prova li tali stqarrija saret volontarjament jaqa' dejjem fuq il-prosekuzzjoni, bħal kull prova oħra. Il-prosekuzzjoni għandha tagħti *prima facie evidence* ta' l-eżistenza ta' dan ir-rekwiżit, li, malli jirriżulta sodisfatt, allura l-oneru tal-prova kuntrarja jiġi spustat għal fuq l-imputat jew akkużat li jkun qed jallega li l-istqarrija tiegħu kienet ittieħdet b'wieħed mill-metodi kkontemplati fil-preċitat artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali. Wara kollox, dan mhu xejn ħlief l-applikazzjoni tal-prinċipju fondamentali fis-sistema legali li min jallega fatt irid jippruvah, iżda ma jfissirx, ossia ma għandux jiġi intiż b'mod li f'xi mument l-oneru li jiġi ppruvat ir-reat u n-*nexus* bejn ir-reat u l-akkużat, jiġi spustat għal fuq l-akkużat; dan dejjem jibqa' fuq il-prosekuzzjoni tul il-proċess kollu. Iżda jekk l-akkużat, bi sforz, sabiex jindebbolixxi l-provi tal-prosekuzzjoni, jallega ċerta fatti, anke taħt ġurament, allura hu jkun xeħet fuqu l-oneru tal-prova ta' dawk il-fatti. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija *vs***

**Francis Spiteri** (Vol. XLIII, pg. 1061) per Onor. Imħallef W. Harding, il-Qorti qalet hekk: "Per regola, il-prova tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, imma meta din tkun għamlet prova prima facie, allura l-prova kuntrarja tiġi rriversata fuq id-difiża, partikolarment meta si tratta ta' prova *which lies peculiarily (particularly) within the knowledge of the accused.* Fi kliem ieħor, meta d-difiża tissolleva l-punt tan-non-volontarjetà ta' l-istqarrija rrilaxxjata mill-imputat'akkużat, f'tali każ hija tkun assumiet l-obbligu li tressaq provi suffiċjenti in sostenn tat-teżi tagħha: iżda qatt ma jkun rikjest mill-istess imputat/akkużat li l-provi minnu prodotti jistabbilixxu bla dubbju raġonevoli t-teżi tiegħu. Kull ma għandu jagħmel l-imputat/akkużat huwa li jressaq provi suffiċjenti biex jiġġenera dubbju raġonevoli fil-versjoni mogħtija mill-prosekuzzjoni, f'liema każ, imbagħad, l-oneru li jinnewtralizza dan id-dubbju jinkombi fuq il-prosekuzzjoni";

Illi fil-każ odjern, il-prosekuzzjoni ġabet il-prova rikjesta mil-liġi in propositu billi ressqet bħala xhieda lill-uffiċjali tal-pulizija li kienu preżenti waqt li l-appellant Carmel Camilleri rrilaxxja l-istqarrija tiegħu. Dan l-appellant, min-naħa tiegħu, filwaqt li ma jikkontestax li fil-fatt kien veru qal dak il-kliem li hemm fl-istqarrija tiegħu, qed isostni li dak il-ħin huwa kien ġie ispirat mill-ħsieb li għaddielu minn rasu, ċjoè, li sabiex ma tiħux it-tort kollu Tessie Agius, ma' min kien jgħix u minn min kellu tlett itfal, u sabiex din ma tmurx il-ħabs, iddeċida li jieħu t-tort kollu hu u jammetti l-fatti allegati. Dan l-appellant jallega li huwa ddeċida li jistqarr hekk wara li, skond hu, l-ex-Spettur Mario Calleja kien issuġġerielu biex jgħin lil Tessie Agius. Il-kliem eżatt ta' l-appellant meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti fuq dan il-punt, u li a bażi tiegħu qed jgħid li l-istqarrija tiegħu ma kintix waħda volontarja l-għaliex ittieħdet wara promesa ta' xi vantaġġ mill-ex-Spettur Mario Calleja, huwa dan: "L-Ispettur għidtlu li ma kontx ser inwieġeb. Qalli li kelli kull dritt. Qalli li kienu sabu d-droga fid-dar għand Agius. Meta rajt hekk, jien

iddeċidejt li ngħid li dawk kienu tiegħi biex immur il-ħabs jiena u ma tmurx Agius. L-Ispettur qalli biex ngħin lil Agius biex ma tiħux it-tort kollu hi. Għalhekk iddeċidejt li nieħu t-tort jien. Hadt it-tort jien fuq suġġeriment ta' l-Ispettur. Hu qalli biex ngħin lil Agius billi hi kienet tieħu kollox hi. Għalhekk jiena ddeċidejt li nitfa' kollox fuqi";

Illi għalhekk dak li qed jallega dan l-appellant hawnhekk, ċjoè, dak li huwa segwa s-suġġeriment ta' l-ex-Spettur Calleja, huwa dak li fis-sistema legali Ingliża huwa msejjaħ bħala *inducement*. L-awtur Ingliż J.D. Heydon, fil-ktieb tiegħu *Evidence: Cases and Material*, jiddeskrivi dan l-element ta' l-*inducement* hekk: "*Inducement suggests an inquiry into the actual state of the accused's mind. The test depends on the actual effect of the inducement on the accused's mind*", u dan l-istess awtur ikompli jikkwota dak li ntqal fil-kawża **R. *vs* Richards** (1967): "*The test is: Did it go so far as to deprive the person to whom it was made of his free will and choice?*". Għalhekk, fil-każ in eżami, dan il-kriterju jiġi tradott fis-segwenti, ċjoè, jekk, wara li jiġu ppruvati l-fatti allegati mill-appellant, kinux dawn, fil-ħin ta' l-istqarrija tiegħu, tali li operaw fuqu b'mod li wassluh biex jgħid dak li qal, li altrimenti ma kienx jgħid. In breve, l-appellant, bl-allegazzjoni tiegħu, xeħet fuqu nnifsu l-oneru li jressaq prova: (a) tal-fatti minnu allegati, u (b) li dawn il-fatti kellhom fuqu l-effett li huwa qed jallega, u li dawn il-provi, biex ikollhom l-effett desiderat mid-difiża, iridu jiġġeneraw dubbju raġonevoli fil-versjoni tal-prosekuzzjoni li l-istqarrija tiegħu in kwistjoni kienet ġiet irrilaxxata volontarjament. Kif intqal qabel, id-dubbju rikjest mil-liġi għandu jiġi ġenerat jew minn argumentazzjoni jew minn fatti adegwatament ippruvati mid-difiża, sabiex dan id-dubbju jkollu l-effett li jindebbolixxi serjament il-każ tal-prosekuzzjoni. Minn dan isegwi li jekk l-appellant Camilleri ma jirnexxilux jissodisfa lil din il-Qorti bl-eżistenza ta' dawk il-fatti li fuqhom huwa jkun qed jipprova jiġġenera dubbju

raġonevoli kontra l-versjoni tal-prosekuzzjoni, allura ma jistax jinvoka tali dubbju favur tiegħu;

Illi qabel ma din il-Qorti tiġi sabiex teżamina jekk il-fatti allegati mill-appellant ġewx adegwatament ippruvati minnu fil-konfront ta' l-ex-Spettur Mario Calleja, din il-Qorti ser tagħmel xi ftit riflessjonijiet dwar din il-materja ta' konfessjonijiet. Kif intqal qabel, din il-materja hija rregolata fil-liġi tagħna b'dak li hemm stipulat fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali biss, u minn riċerka li għamlet fil-ġurisprudenza lokali dan is-suġġett qatt ma jidher li ġie ttrattat dettaljatament. Jidher li l-Qrati tagħna dejjem ħadu l-linja li d-deċiżjoni dwar dak li jikkostitwixxi stqarrija mhux meħuda skond il-liġi b'mod volontarju a termini tal-preċitat artikolu, jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Ġudikant, jew fid-diskrezzjoni u deċiżjoni tal-ġurati. Ma jidhirx li f'Malta qatt ġew stabbiliti xi linji ta' gwida f'dan ir-rigward u jidher li aħna dejjem segwejna, sa ċertu punt, id-duttrina Ingliża fil-materja ta' *confessional statements*, kif kienet, più o meno f'dik is-sistema minn meta saru l-*Judges' Rules* fl-1964. Għandu jingħad li dawn il-*Judges' Rules* mhumiex *hard and binding steadfast rules* fuq x'jikkostitwixxi stqarrija inammissibbli, u lanqas ma għandhom il-forza ta' liġi; u huma biss *guidelines*. Għandu jiġi rrilevat hawnhekk li fis-sistema Ingliża, illum, dan is-suġġett ta' *confessional statements* huwa rregolat minn *Codes of Practice* li saru wara il-, u b'riżultat tal-***Police and Criminal Evidence Act, 1984***, liema Att ġie in vigore fl-1 ta' Jannar, 1986. Għalhekk, illum fl-Ingilterra, il-materja ta' konfessjonijiet hija rregolata b'liġi u, speċifikatament, fil-*Part VIII* ta' l-imsemmi Att ta' l-1984, fl-artikolu 76, imsejjaħ *Confessions*, fil-parti intitolata *Evidence and Criminal Proceedings: General*. Fis-sistema tagħna, għalhekk, jidher li aħna segwejna, u hekk għadna nsegwu sal-lum, l-istess prinċipji li ġew imfassl fis-sistema Ingliża permezz ta' dawn il-*Judges' Rules* ta' l-1964. L-awturi Cross and Williams, fil-ktieb tagħhom *An Outline of the Law on Evidence* (Edition 1964),

jgħidu hekk: "*A confession of guilt in a criminal case is only admissible if it was not made in consequence of a threat, or inducement of a temporal nature relating to the prosecution, made or held out by a person in authority over the proseuction. This is often summed up by saying that a confession must be "voluntary". If it is not voluntary within the above defintion, then it is altogether inadmissible*". Dan ifisser li biex tkun volontarja, stqarrija ma tridx tkun ġiet irrilaxxata mill-imputat/akkużat minħabba biża' li jista' jsofri xi preġudizzju, jew bit-tama li jikseb xi vantaġġ, jew minħabba xi forma ta' oppressjoni, bħala riżultat ta' intervent minn persuna ta' awtorità. L-awtur Ingliż klassiku Archbold, fil-ktieb tiegħu *Criminal Pleading, Evidence & Practice* (36th Edition), fuq is-suġġett in materja, jgħid hekk: "*In order to be admissible, a confession must be free and voluntary, and unless it be shown affirmatively on the part of the prosecution that it was made without the prisoner being induced to make it by any promise of favour, or by menaces, or undue terror, it shall not be received in evidence against him*";

Kif ġie aċċennat qabel, il-liġi fuq is-suġġett in eżami hi xi ftit inċerta u konfużjonarja. L-awtur G.D. Nokes fil-ktieb tiegħu *An Introduction to Evidence* (3rd Edition), jgħid hekk: "*Few subjects in the law of evidence present more perplexing inconsistencies than the emergence of the rule against forced confessions*". Is-suġġett ta' l-ammissibilità ta' stqarrijiet bħala prova valida kontra min jagħmilhom ħafna drabi ġie ssollevat u diskuss aktar fid-dawl ta' sforzi sabiex jiġu kkontrollati u mnaqqsa metodi abużivi u ħżiena ta' investigazzjonijiet magħmula mill-pulizija, milli mill-punto di vista ta' veraċità ta' dak li l-interrogat ikun stqarr. Kif jgħidu l-awturi Cross and Wiliams fuq imsemmija "*Certain standards of police practices have to be observed and confessions obtained in violation of such standards are to be rejected*";

Illi l-element essenzjali sabiex jiġi deċiż jekk stqarrija kinitx volontarja jew le, huwa dak hekk imsejjaħ <u>inducement</u>. Ir-raġuni tradizzjonali l-għaliex stqarrija meħuda b'riżultat ta' dan l-*inducement* tkun waħda inammissibbli hi li xejn mhu probabbli li stqarrija rrilaxxata b'riżultat ta' dan ir-rekwiżit ikollha xi verità fiha u din oltre r-raġuni l-oħra msemmija fil-paragrafu preċedenti, ċjoè sabiex jiġu kkontrollati metodi llegali jew abużivi tal-pulizija waqt il-kors ta' l-interrogatorju u investigazzjoni. Il-Qorti għalhekk issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra x'jista' jikkostitwixxi dan l-<u>inducement</u>. L-iktar punt kardinali hu li dan l-*inducement* għandu jkun ir-raġuni jew il-kawża l-għaliex wieħed wara jirrillaxa l-istqarrija tiegħu. Per eżempju, l-offerta ta' maħfra minn uffiċjal investigatur segwita b'konfessjoni ta' ammissjoni tirrendi dik l-istqarrija inammissibbli. Dan it-tħajjir, offerta, suġġeriment, ċjoè dan l-*inducement*, għandu jsir jew jiġi kkomunikat lill-interrogat, għalkemm mhux neċessarju li dan isir direttament lill-interrogat. Dan l-*inducement* ġeneralment jikkonsisti f'xi promessa jew wiegħda ta' ksib ta' vantaġġ jekk wieħed jikkonfessa, jew, f'theddid jew minaċċja ta' xi preġudizzju jew żvantaġġ, mill-fatt li l-interrogat jibqa' ma jikkonfessax. Kif intqal qabel, hija l-Qorti, jew il-ġurati f'każ ta' smigħ bil-ġurija, li jiddeċidu jekk xi kliem jew atteġġjament partikolari ta' l-uffiċjal investigatur jammontax effettivament għal dan l-*inducement* li jirrendi stqarrija inammissibbli. Għalhekk, min għandu jiddeċidi hawnhekk għandu jieħu in konsiderazzjoni ċerti ċirkostanzi, bħal ma hu il-karattru jew natura jew attitudini ta' min juża l-kliem allegatament intiżi biex interrogat jagħmel stqarrija, kif ukoll it-ton tal-vuċi tiegħu, u ċirkostanzi simili li jistgħu b'xi mod iwasslu sabiex il-Qorti tiddeċidi jekk kienx hemm *inducement to confess* jew le. Jiġi rrilevat hawnhekk li ġie deċiż li kliem bħal "Oqgħod attent, nafu aktar milli taħseb inti. Nafu kollox" fil-fatt ma jikkostitwix *inducement* u tali kliem ma jirrendix stqarrija magħmula wara dan il-kliem bħala waħda inammissibbli;

Fid-definizzjoni tiegħu ta' *inducement*, u x'jikkostitwixxi dan ir-rekwiżit, l-Archbold jgħid hekk: "*Inducement must refer to a <u>temporal benefit</u>. Where an inducement merely amounts to a <u>moral exhortation</u> and does not refer to a temporal benefit or of a secular nature, the confession is admissible. Words like: "Be sure to tell the truth" and "Don't ruin your soul into more sin, tell the truth", have been treated as innocuous and do not render a confession inadmissible*". Għalhekk kliem fis-sens li jkun aħjar li wieħed jgħid il-verità l-għaliex il-pulizija ġà taf kollox, jikkostitwixxu biss l-hekk imsejjħa *moral exhortation*, mil-liema kliem l-imputat/akkużat mhu ser jikseb l-ebda vantaġġ fiżiku jew temporali, bħal ma jikseb bi kliem bħal "Għidli fejn huma l-oġġetti misruq u nkun ferm favorevoli lejk in konsegwenza". Eżempji ta' kliem bħal dawn ta' l-aħħar qed jindikaw xi benefiċċju jew vantaġġ għall-imputat/akkużat u għalhekk jirrendu s-sussegwenti konfessjoni tiegħu, magħmula minħabba dawk il-kliem u minħabba l-istat mentali li sab ruħu fih kawża ta' l-istess kliem, bħala waħda inammissibbli;

Punt ieħor essenzjali f'dan ir-rekwiżit ta' *inducement* hu li dan l-*inducement* isir minn dak li l-Ingliżi jsejħulu *a person in authority*, u li l-kliem li dan jgħid ikun jirreferi għall-akkużi ta' reat u għall-bidu tal-proċess kriminali in konnessjoni ma' l-istess reat li tiegħu persuna tkun qed tiġi investigata u interrogata. Id-definizzjoni mogħtija mill-awturi fuq imsemmija Cross & Williams għall-*Person in Authority* hija din: "*Anyone whom the accused might reasonably have considered to have been capable of influencing the outcome of a prosecution. A police officer, magistrate or prosecutor is clearly included*". Ma tant x'hemm x'wieħed iżid ma' din id-definizzjoni. Kjarament għalhekk, fil-każ in eżami, l-ex-Spettur Mario Calleja, li kien qed jinvestiga l-appellant u eventwalment ħadlu l-istqarrija tiegħu, huwa *a person in authority*, tant li wara mexxa l-prosekuzzjoni ta' dan il-każ kontra ż-żewġ appellanti. Barra minn hekk, ċertament il-kliem li ġie allegat mill-appellant

Camilleri li qal dan l-ex-Spettur, liema kliem, skond hu, kellu effett fuqu li jerġa' jaħsiba u jagħmel stqarrija ta' ammissjoni, kjarament jirreferi ukoll għall-akkużi u proċess relattiv li eventwalment u sussegwentement l-appellanti ġew sottomessi għalihom;

Illi punt ieħor ferm importanti li għandu jiġi kkunsidrat, qabel ma jiġi deċiż jekk kienx hemm *inducement* fis-sens li stqarrija magħmula wara ċertu kliem, hija ammissibbli jew le, huwa dak li jikkonċerna min, effettivament, ser ikun il-benefiċjarju tal-vantaġġ jew favur imwiegħed b'riżultat ta' dak il-kliem ta' *inducement*, jew min ser ikun f'posizzjoni agħar u jbati preġudizzju bil-kliem ta' minaċċi, theddid, eċċetera, allegatament magħmula minn min qed jinvestiga u jinterroga lill-imputat/akkużat;

Illi, għalhekk, referenza qiegħda hawnhekk terġa' ssir lejn il-kliem eżatt ta' l-artikolu preċitat 658 tal-Kodiċi Kriminali fejn jgħid li stqarrija legalment u validament meħuda tista' tinġieb bħala prova kontra min jagħmilha biss, u dan sakemm ma jiġix ippruvat li din ma ġietx magħmula volontarjament bil-mezzi fuq imsemmija u taħt iċ-ċirkostanzi fuq spjegati. Kif ġà ntqal, sabiex stqarrija tiġi kkunsidrata meħuda b'mod kontra l-liġi, per eżempju, b'offerta ta' maħfra jew nuqqas ta' passi legali jew l-interrogat jistqarr il-verità kollha, jew jekk jiġi mhedded li jkun f'posizzjoni agħar milli hu jekk ma jagħmilx konfessjoni u jgħid il-verità kollha, irid jiġi ppruvat li, bħala riżultat, dik il-promessa jew dak il-kliem minaċċjuż kien ser jolqot sfavorevolment jew b'mod vantaġġjuż lill-interrogat innifsu. Il-promessa ta' favur jew theddid għandhom ikollhom bħala effett lill-persuna ta' l-imputat/akkużat li fil-konfront tiegħu ikun sar dak il-kliem, il-vantaġġ jew preġudizzju għandu jkun biss fil-konfront ta' l-interrogat. Huwa l-interrogat biss li għandu jikseb il-vantaġġ promess, jew li jsib ruħu ppreġudikat jekk ma jikkonfessax, u mhux xi terża persuna li ma jkollhiex

parti f'dak l-interrogatorju. F'dan il-kuntest, l-Archbold jgħid: "*It is no objection to the admissibility of a confession if it was made under a mistaken supposition that a prisoner's accomplice was in custody, even though it were created by artifice, with a view to obtain a confession*". Kif ġie ritenut diversi drabi fil-Qrati Ingliżi, il-fuq imsemmija *inducement* trid tkun relatata għall-akkużi u għall-proċess kriminali konsegwenzjali, u hija marbuta mal-proċediment kontra l-interrogat għar-reati in kwistjoni li dwarhom għamel dik l-istqarrija tiegħu. Ġie ritenut għalhekk li: "*A promise of some advantage to others is not regarded as an inducement to confess*". Fil-kawża **R. *vs* Burley** (1818), il-Qorti Ingliża qalet hekk: "*A confession has been treated as voluntary, although it was the result of "misleading" the prisoner into thinking that the accomplices were also in custody*". Anke il-Mamo a fol. 101 jgħid hekk: "*The exhortation "It is only right for you to clear the innocent ones", has been held not to exclude the consequent confession*". Fi ftit kliem għalhekk, diskors ta' l-interrogatur fis-sens li terza persuna tkun ser tiġi vvantaġġata jew anke żvantaġġata, dipendenti minn jekk imputat/akkużat jagħmilx stqarrija jew le, ma jirrendix dik l-istqarrija bħala waħda meħuda b'mod mhux volontarju, u allura hija ammissibbli, u dan hu l-għaliex, kif intqal qabel, dak il-kliem għandu jirreferi għal xi benefiċċju jew żvantaġġ li jista' jsib ruħu fih l-interrogat u b'referenza għall-akkużi u proċediment fil-konfront tiegħu biss, u mhux għal xi akkuża u proċediment li jistgħu jsiru fil-konfront ta' terzi;

Illi issa wara li ngħad dan kollu, din il-Qorti ser tara jekk dawn ir-rekwiżiti kollha essenzjalment neċessarji sabiex jirrendu konfessjoni inammissibbli jirriżultawx fil-każ in eżami. Ġà ġie riprodott dak li xehed bil-ġurament l-appellant Carmel Camilleri f'dan ir-rigward. U għalhekk issa huwa opportun li jiġi riprodott dak li xehed l-ex-Spettur Mario Calleja dwar il-metodu u ċ-ċirkostanza ta' kif ottjena l-istqarrija ta' dan l-appellant;

Ix-xhieda rilevanti ta' l-imsemmi ex-Spettur tal-pulizija tinstab a fol. 464 ta' l-atti. Dan kien xehed hekk testwalment: "L-imputat Carmel Camilleri qalli li ma ried jirrispondi xejn. Jien żammejtu arrestat. Erġajt ġibtu u hu għamel *statement*. Kont naf li hu kien il-*boyfriend* ta' l-imputata Tessie Agius u kont naf li kellu tfal minnha, u dan għaliex qaltli hi. Lill-imputat għidtlu li l-imputata kienet għamlet *statement*. Għidtlu joqgħod attent xi jgħid għax kont naf b'kollox. Għidtlu li Tessie kkooperat mal-pulizija u li jekk hu jikkoopera, l-ewwel ħaġa li kont ser ngħid lill-Qorti meta nixhed kien li l-imputati kkooperaw. Waqt is-*search* rajt *lill-imputat imwerwra u bit-tfal* jiġru mas-saqajn. Jien, dak in-nhar, lill-imputat għidtlu għaliex ma jgħix il-verità biex jgħin lill-imputata u lit-tfal ukoll. Dak il-ħin qabiżlu d-dmugħ u qalli li kien lest jikkoopera miegħi. Dak il-ħin għamel l-i*statement* tiegħu";

Fil-kontro-eżami tiegħu, l-ex-Spettur Mario Calleja xehed hekk: "Jien fl-ebda ħin ma għamilt wiegħda lill-imputat li jekk jagħmel *statement* ser naqla' lil Tessie 'l barra . Jien ma għidtlux li trid tagħmilli *statement* biex jien nirrilaxxa lil Tessie Agius. Ma kellix drit nagħmel hekk. Kull ma għidtlu kien biex jiftakar f'Tessie u t-tfal. Li jekk jista' jgħinha, jgħinha. Jista' jgħinha billi jgħid il-verità. L-iskop tiegħi kien li jekk hemm xi ħadd li kellu jmur il-ħabs, it-tfal ma jibqgħux waħedhom. L-iskop tiegħu kien li Camilleri jgħid il-verità";

Illi *minn* eżami u apprezzament ta' dan il-kliem, għalhekk, il-Qorti tiddeduċi li fl-ebda ħin ma dan l-ex-Spettur Calleja għamel xi forma ta' wegħda jew promessa ta' xi vantaġġ jew favur lill-appellant Camilleri li minnha kien ser igawdi dan ta' l-aħħar. Barra minn hekk, il-kliem użat mill-ex-Spettur Calleja, mhux talli ma kienx jikkrea l-ebda *temporal benefit* lill-appellant Camilleri riferibbilment għall-akkużi kontrih u l-proċediment kriminali li kellu jgħaddi, *iżda hu ċar ħafna li kien* kliem klassiku li jaqa' kompletament taħt id-definizzjoni ta' dak

li iktar 'il fuq ġie msejjaħ *moral exhortation*, u stante li dan il-kliem am jimplika l-ebda vantaġġ jew favur għall-appellant, għaldaqstant dan il-kliem ma jirrendix l-istqarrija tiegħu inammissibbli bħala waħda mhux volontarja u meħuda taħt il-kondizzjonijiet li jeskludu din il-volontarjetà kif imsemmija fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali. Kif spjega dan l-ex-Spettur, l-iskop tiegħu kien mhux biex ipoġġi lill-appellant Camilleri f'xi posizzjoni ta' vantaġġ jew żvantaġġ, iżda sempliċement biex forsi uliedu ma jibqgħux waħedhom kemm jista' jkun. Lanqas *ma ġiet użata xi trappola jew simili biex jinduċu lill-appellant* biex jagħmel l-istqarrija tiegħu. Il-kliem ta' l-ex-Spettur Calleja meta qal lill-appellant li kien jaf kollox, bla ebda mod ma jiddebbolixxi l-prova tal-prosekuzzjoni li l-istqarrija ta' Camilleri kienet waħda volontarja u li ttieħdet skond il-liġi;

Illi għalhekk, fl-isfond ta' dak kollu li ntqal, din il-Qorti *tikkonkludi li l-istatement magħmul mill-appellant Camilleri* huwa legalment ammissibbli, u dan *billi l-uffiċjal investigatur* qatt ma ġiegħel b'xi mod, lill-appellant imsemmi jagħmel din l-istqarrija kontra l-volontà tiegħu meta qallu li jekk jgħid il-verità kien ser jgħin *lil* Agius u *lit-tfal* u *lanqas ma kien qed* jagħmillu xi wegħda jew promessa billi uża tali kliem;

*Illi għalhekk dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant* Camilleri qed jiġi respint;

Dwar it-tieni aggravju ta' l-appellant Carmel Camilleri b'referenza li, eskluża l-istqarrija tiegħu, ma hemmx provi kontra tiegħu, dan l-aggravju issa jiġu superfluwu. Il-Qorti rat il-provi l-oħra kollha li hemm u, filwaqt li tiddikjara li ma *taqbilx ma' din is-sottomissjoni ta' l-appellant, stante li, apparti* l-istqarrija tiegħu, fil-fatt hemm numru ta' provi oħra, kemm diretti kif ukoll indiretti, li jinkriminaw lil dan l-appellant, tgħid biss li ġaladarba l-istqarrija tiegħu hija waħda valida legalment,

din l-istess stqarrija, anke waħedha, hija ammissjoni ċara u lampanti għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, ċjoè li hu kien jittraffika d-droga eroina mill-fond fil-Belt, Valletta, fejn kien jgħix ma' Tessie Agius, u li dik id-droga u flus misjuba hemmhekk u elevati mill-pulizija kienu tiegħu. Kif ġie rrilevat diversi drabi ripetutament, meta stqarrija, ossia konfessjoni ta' ammissjoni, hija valida legalment, u ma hemm xejn x'jikkontradixxi l-kontenut tagħha, ġeneralment din tkun l-aħjar prova li tista' tinġieb kontra min ikun irrilaxxa l-istess stqarrija. Għalhekk, anke dan it-tieni aggravju ta' l-appellant Camilleri qed jiġi miċħud;

It-tielet aggravju ta' l-appellant Camilleri u dak ta' l-appellanti Tessie Agius, li fil-fatt huwa l-uniku aggravju tagħha, jirreferu t-tnejn għall-piena imposta fuqhom mill-Ewwel Qorti, liema piena huma jgħidu li hija waħda eċċessiva. Dawn l-aggravji taż-żewġ appellanti għalhekk ser jiġu kkunsidrati u ttrattati flimkien. Għal dak li jirrigwarda l-appellant Camilleri, oltre li qed jgħid li l-piena hija eċċessiva, qed jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tinfliġġi fuqu piena pekunjarja ta' Lm3000, stante li l-multa massima skond il-liġi eżistenti fl-1990, meta ġew kommessi r-reati, kienet ta' Lm2000, u dan skond l-artikolu 22 (2) tal-Kap. 101. Il-Qorti għalhekk rat l-artikolu 22 (2) (b) (i) tal-Kap. 101 għal dak li jirrigwarda din il-piena kif kienet fl-1990 u rat li fil-fatt il-massimu hemm stabbilit għal dik li hija multa kien ta' Lm2000 meta persuna tinstab ħatja ta' traffikar ta' droga mill-Qorti tal-Maġistrati, kif kien dan il-każ in eżami. Għalhekk l-appellant Camilleri għandu raġun f'din il-parti tat-tielet aggravju tiegħu. Għall-bqija ta' l-istess aggravju tiegħu, u l-aggravju ta' l-appellanti Tessie Agius, il-Qorti tara li ma tistax ma taqbilx ma' l-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha meta din ġiet biex tiddeċidi x'piena tinfliġġi u tara li dik il-Qorti ħadet u qieset sewwa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Għalhekk ċertament mhux opportun, speċjalment meta si tratta ta' reati gravissimi bħal dawn ta'

traffikar ripetut ta' eroina, li tvarja dik il-piena imposta. F'dan is-sens, għalhekk, din il-Qorti qed tiċħad dan laggravju tażżewġ appellanti dwar il-piena, salv dak li ġà ntqal dwar il-massimu tal-multa imposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant Camilleri;

Għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, għalhekk, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appelli magħmula miż-żewġ appellanti u tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fl-intier tagħha bl-eċċezzjoni ta' dik il-parti fejn hi kkundannat lill-appellant Carmel Camilleri għall-multa ta' Lm3,000 u minflok tissostitwixxi dan l-ammont b'multa ta' Lm2000. Il-bqija tas-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata, inklużi l-ordnijiet kollha mogħtija mill-Ewwel Qorti.

---